

21.2.2024

A9-0424/8

Emenda 8

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ia. billi, skont Open Doors, aktar minn 360 miljun Nisrani jiffaċċjaw persekuzzjoni, fastidju jew diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 9**Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard****Zimniok**

f' isem il-Grupp ID

Rapport**A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 1***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

1. Jafferma mill-ġdid l-universalità, l-interdipendenza, l-interrelazzjoni u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jippromwovu u jipproteġu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-universalità u l-inaljenabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja b' mod determinat, koerenti u konsistenti; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-għaqda tal-forzi bejn id-demokraziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti sabiex jindirizzaw it-theddid u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż permezz ta' pożizzjoni robusta u pubblika li tafferma mill-ġdid l-impenn tagħna li niddefendu l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

1. Jafferma mill-ġdid l-universalità, l-interdipendenza, l-interrelazzjoni u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jippromwovu u jipproteġu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-universalità u l-inaljenabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja b' mod determinat, koerenti u konsistenti; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-għaqda tal-forzi bejn id-demokraziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti sabiex jindirizzaw it-theddid u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż permezz ta' pożizzjoni robusta u pubblika li tafferma mill-ġdid l-impenn tagħna li niddefendu l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; ***jenfasizza, madankollu, li l-UE mhijiex l-għassiesa tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u li m'għandhiex il-mandat li tinterferixxi fl-affarijiet interni ta' pajjiżi mhux tal-UE;***

Or. en

21.2.2024

A9-0424/10

Emenda 10

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19a. Jinnota bi tħassib li l-ideoloġija “wokeiżmu” u l-kanċellazzjoni tal-kultura li tirriżulta jwessgħu d-diviżjonijiet soċjetali, jiskoraġġixxu diskors miftuħ u sinċier, iwasslu għal perspettiva riduttiva tal-istorja, jipromwovu ċ-ċensura u r-reviżjoniżmu storiku u inevitabbilment irażżnu l-libertà tal-espressjoni;

Or. en

21.2.2024

A9-0424/11

Emenda 11

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24a. Jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li l-Insara għadhom l-aktar grupp reliġjuż ippersekwitat fid-dinja; jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, kwalunkwe attakk u kull attakk kontra l-komunitajiet Insara; jiddispjaċih ħafna dwar il-profanazzjoni u l-vandaliżmu ta' siti sagri u reliġjużi; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkundannaw dawn l-atti kollha u jiddefendu u jipproteġu l-wirt Nisrani tagħna;

Or. en

21.2.2024

A9-0424/12

Emenda 12

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard

Zimniok, Susanna Ceccardi

f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-

kwistjoni - rapport annwali 2023

(2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**28a. *Jinnota bi tħassib u jikkundanna
ż-żieda fl-antisemitiżmu fid-dinja;***

Or. en

21.2.2024

A9-0424/13

Emenda 13

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jesprimi tħassib dwar il-politiki ta' diskriminazzjoni razzjali inversa fl-Afrika t'Isfel, fejn bħalissa hemm fis-seħħ aktar minn 120 liġi razzjali minkejja li l-apartheid intemmet 30 sena ilu; jikkundanna wkoll il-qtil brutali u ta' tortura tal-bdiewa tal-Afrika t'Isfel, li huma riżultat dirett ta' membri tal-partit politiku li jkantaw kanzunetti bħal "Kill the Boer, kill the farmer" ("Oqtol lil Boer, oqtol lil bidwi"); iħeġġeġ lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel jipprijoritizza l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn l-attakki bħala kwistjoni ta' urġenza estrema; jikkundanna l-fatt li dawn l-attakki huma injorati jew razzjonalizzati b'mod wiesa' mill-komunità internazzjonali;

Or. en

21.2.2024

A9-0424/14

Emenda 14

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, il-każijiet kollha ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, qtil tal-unur, żwiġijiet tat-tfal u żwiġijiet furzati, li kollha huma speċifikament prevalenti fil-komunitajiet Iżlamiċi;

Or. en

Emenda 15**Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard****Zimniok**

f' isem il-Grupp ID

Rapport**A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 44***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

44. ***Jikkundanna l-erożjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati bil-forza; jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tagħhom u jfakkar fl-obbligu tal-istati li jiproteġuhom f'konformità mal-liġi internazzjonali pertinenti. jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsostnu b'mod effettiv dawn id-drittijiet fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward; jiddeplora t-tendenza dejjem akbar ta' ksenofobija, raziżmu u diskriminazzjoni fil-konfront tal-migranti; jisħaq li r-rifuġjati u l-migranti, speċjalment dawk li mhumix dokumentati, jiffaċċjaw forom differenti ta' vjolenza, inkluż matul l-ispostamenti, bħall-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, kif ukoll ħafna ostakli, bħall-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni deċenti u servizzi bażiċi oħra; jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd mingħajr preċedent ta' persuni spostati b'mod furzat bħala riżultat ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li rdoppja f'dawn l-aħħar 10 snin; jilqa' l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja¹⁷ u jitlob li***

44. ***Jinsisti li t-tort huwa tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni li tnaqqu d-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza taċ-ċittadini tal-Istati Membri; jenfasizza li l-migranti ma jirriskjawx ħajjithom biex jivvjaġġaw lejn l-Ewropa jekk ma jkunux qed jinħolqu fatturi ta' attrazzjoni mill-politiki tal-UE; jinnota li wħud minn dawn id-dgħufijiet mhumix indirizzati b'mod adegwat fil-Patt dwar il-Migrazzjoni; jinsisti fuq politika ta' kollokament reġjonali ta' rifuġjati u li l-finanzjament internazzjonali jsir kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' ritorn u ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi;***

tintuża meta jkun meħtieġ; jappella għat-tisħiħ tal-isforzi fil-protezzjoni tad-dritt tal-migranti u li jiġi ggarantit l-aċċess tagħhom għas-servizzi bażiċi kollha, inkluż waqt li jkunu fi tranżitu, u li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' non-refoulement; jappella tat-tmiem minnufih tal-prattika illegali tal-pushbacks; jitolb li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat;

¹⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Or. en

21.2.2024

A9-0424/16

Emenda 16

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok, Susanna Ceccardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**44a. Jinnota bi tħassib li l-
organizzazzjonijiet mhux governattivi
(NGOs) għandhom rwol ewlieni fl-
iffaċilitar tat-traffikar tal-migranti billi
jaġixxu bħala servizz shuttle u billi jagħtu
pariri lill-migranti dwar kif jevitaw il-
liġijiet nazzjonali billi jagħtuhom
struzzjonijiet biex jiddisponu mid-
dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar u tal-
identifikazzjoni tagħhom; jenfasizza li l-
NGOs li jiffaċilitaw il-migrazzjoni illegali
m'għandhom jirċievu l-ebda finanzjament
tal-UE u jtenni li l-operazzjonijiet ta' tiftix
u salvataġġ illegali mill-NGOs, kif ukoll l-
attivitajiet l-oħra kollha li jappoġġjaw id-
dħul illegali fl-Istati Membri, għandhom
ikunu soġġetti għal prosekuzzjoni skont il-
liġi nazzjonali;**

Or. en